**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1018/2019 AF**

**356 Holdings Limited (C-74760)**

**vs**

**Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**

**u**

**Kunsill Lokali Valletta**

**Kunsill Lokali Birgu**

**Kunsill Lokali Isla**

**Kunsill Lokali Bormla**

**Kunsill Lokali Qormi**

**Kunsill Lokali Zebbug (M)**

**Kunsill Lokali Siggiewi**

**Kunsill Lokali Rabat (G)**

**Kunsill Lokali Balzan**

**Kunsill Lokali Birkirkara**

**Kunsill Lokali Birzebbugia**

**Kunsill Lokali Dingli**

**Kunsill Lokali Fgura**

**Kunsill Lokali Floriana**

**Kunsill Lokali Fontana**

**Kunsill Lokali Gudja**

**Kunsill Lokali Gzira**

**Kunsill Lokali Ghajnsielem**

**Kunsill Lokali Gharb**

**Kunsill Lokali Gharghur**

**Kunsill Lokali Ghasri**

**Kunsill Lokali Ghaxaq**

**Kunsill Lokali Hamrun**

**Kunsill Lokali Kalkara**

**Kunsill Lokali Kirkop**

**Kunsill Lokali Lija**

**Kunsill Lokali Luqa**

**Kunsill Lokali Marsa**

**Kunsill Lokali Marsaskala**

**Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**Kunsill Lokali Mellieha**

**Kunsill Lokali Mosta**

**Kunsill Lokali Mqabba**

**Kunsill Lokali Msida**

**Kunsill Lokali Munxar**

**Kunsill Lokali Nadur**

**Kunsill Lokali Naxxar**

**Kunsill Lokali Paola**

**Kunsill Lokali Pembroke**

**Kunsill Lokali Pietà**

**Kunsill Lokali Qala**

**Kunsill Lokali Rabat (M)**

**Kunsill Lokali Safi**

**Kunsill Lokali San Giljan**

**Kunsill Lokali San Gwann**

**Kunsill Lokali San Lawrenz**

**Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**

**Kunsill Lokali Sannat**

**Kunsill Lokali Santa Lucija**

**Kunsill Lokali Santa Venera**

**Kunsill Lokali Sliema**

**Kunsill Lokali Swieqi**

**Kunsill Lokali Ta' Xbiex**

**Kunsill Lokali Xaghra**

**Kunsill Lokali Xewkija**

**Kunsill Lokali Xghajra**

**Kunsill Lokali Zebbug (G)**

**Kunsill Lokali Zurrieq**

**Kunsill Lokali Mtarfa**

**u**

**Faces Consultants Limited ghal kull interess li jista' jkollhom (C-24388)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' 356 Holdings Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (2001) intlaħaq ftehim ("**l-Ftehim Oriġinali**") bejn l-intimati u s-soċjetà Faces Consultants Limited ("**Faces**"), permezz ta' liema Faces ingħatat konċessjoni u intrabtet li, *inter alia*, tinstalla minimu ta' mitejn u ħamsin (250) *bus shelter*, li tmantni, tissostitwixxi u topera l-imsemmija *bus shelters*. Il-konsiderazzjoni għal Faces fil-Ftehim Oriġinali tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tal-*bus shelters,* b'mod speċifiku r-reklamar fil-*bus shelters.*

356 hija soċjetà li tinstalla, topera, tmantni u tieħu ħsieb infrastruttura għal protezzjoni ta' passiġġieri li jagħmlu użu tas-servizzi għat-trasport pubbliku.

Fit-28 ta' Ottubru 2016, l-Awtorità għat-Transport f'Malta ("l-**Awtorità**") ħarget sejħa "*Request for Proposals for the Design, Supply, Installation and Maintenance of Advertising Bus Shelters in Malta and Gozo and Maintenance of Existing Advertising Bus Shelter Canopies" (RFP009/2016)*" ("**RFP**"). 356 ssottomettiet il-proposta tagħha għall-RFP u, wara li sar il-proċess ta' evalwazzjoni u selezzjoni, 356 ntagħżlet sabiex tesegwixxi s-servizzi relatati mal-RFP. Faces għażlet li ma tipparteċipax f'dan il-proċess. Is-soċjetà Mediterranean Research and Solutions Limited li pparteċipat f'dan il-proċess ikkontestat, b'rikors quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, l-għażla tat-356. L-imsemmi Bord ċaħad l-oġġezzjoni u, minħabba l-fatt li ma sar ebda appell minn din id-deċiżjoni, 356 rebħet u ingħatat l-imsemmi kuntratt.

Fil-11 ta' Ġunju 2018, l-intimati u Faces daħlu fi ftehim ieħor ("**l-Addendum**" u fl'imkien mal-Ftehim Oriġinali, "**il-Kuntratt**") sabiex jimmodifikaw, *inter alia*, *klawżoli* tal-Ftehim Oriġinali li jirregolaw:

a. L-installar ta' *bus shelters* ġodda;

b. Id-durata tal-Ftehim Oriġinali;

c. Ir-revedibbilità tal-Ftehim Oriġinali.

Fit-23 ta' April 2019, Faces ippreżentat rikors (Mandat Nru. 527/2019) fejn talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorità biex twaqqaf l-istess Awtorità milli tagħmel xogħolijiet fuq infrastruttura fuq *bus stop* fejn Porte des Bombes, Floriana ("**l-Ewwel Mandat**"). Il-Qorti, fil-21 ta' Mejju 2019, ċaħdet it-talbiet ta' Faces. F'dawn il-proċeduri Faces ippreżentat (għall-ewwel darba) kopja tal-Addendum imsemmi fil-paragrafu 4, liema kopja kellha l-partijiet kummerċjali tagħha *mgħottija* bl-iswed (*redacted*) u għalhekk ir-rikorrent ma kienx jaf l-entità tal-modifiki tal-Ftehim Oriġinali. Faces ma istitwiex proċeduri fuq il-mertu.

Fit-23 ta' Settembru 2019, Faces reġgħet ippreżentat rikors (Mandat Nru. 1285/2019) fejn talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorità biex twaqqaf l-istess Awtorità milli tagħmel xogħolijiet fuq infrastruttura għal *bus stop* ġewwa Pembroke. Din id-darba r-rikors ġie preżentat flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Pembroke ("**it-Tieni Mandat**"). It-Tieni Mandat intlaqa'. F'dawn il-proċeduri Faces ippreżentat kopja tal-Addendum, din id-darba kollu kemm hu bil-partijiet kummerċjali jidhru. Din kienet l-ewwel darba li t-termini kollha tal-Addendum saru pubbliċi.

Fir-rikors ta' Faces fit-Tieni Mandat, Faces iddikjarat illi:

a. kienet diġà installat tlett mija u ħamsin (350) *bus shelter*;

b. kienet diġà ġiet mitluba li tinstalla sitt mitt (600) *bus shelters* ieħor;

c. kellha tagħmel investiment ta' circa €6,000,000 fir-rigward tal-*bus shelters* il-ġodda.

Għalhekk, f'dan l-istadju, ir-rikorrent sar jaf għall-ewwel darba bin-natura u l-entità tal-modifiki tal-Ftehim Oriġinali, u kien evidenti li l-modifiki kienu mhux biss materjali imma kbar ħafna.

Kif ser jiġi espost aktar il-quddiem, ma hemm l-ebda dubju li l-intimati aġixxew bi ksur lampanti tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta naqsu li jadderixxu mal-liġijiet ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea ("**UE**") dwar l-għoti ta' konċessjonijiet.

Fl-ewwel lok, għalkemm il-Ftehim Oriġinali ta' bejn l-intimati u Faces kien intlaħaq qabel ma Malta saret stat membru tal-UE, dak il-ftehim ma jistax, skont il-liġi, jiġi modifikat, mingħajr ma tinħareġ sejħa ġdida, jekk il-modifiki huma materjali u, jew jekk id-durata tal-konċessjoni qed tiġi estiża. Infatti, wara li Malta saret stat membru tal-UE, konċessjonijiet ta' servizzi setgħu biss jiġu mogħtija skont il-liġijiet tal-UE, inkluż qabel is-sena 2014 il-prinċipji tat-trattat tal-UE dwar ugwaljanza, nuqqas ta' diskriminazzjoni u trasparenza, u wara s-sena 2014, id-Direttiva tal-UE li tirregola b'mod espress l-għoti ta' konċessjonijiet (liema Direttiva ġiet trasposta fil-liġi ta' Malta permezz tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni ("**ir-Regolamenti**") taħt leġislazzjoni sussidjajrja 174.10).

Ghalkemm Regolament 4 tar-Regolamenti jipprovdi li kull proċedura ta' konċessjoni li tkun inħarget sal-pubblikazzjoni tar-Regolamenti għandha tibqa' regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ fiż-żmien meta ingħatat l-istess konċessjoni, dan ir-regolament ma japplikax għall-estensjoni jew modifika sostanzjali ta' ftehim, li skont il-liġi jikkrejaw konċessjoni ġdida.

Infatti r-Regolamenti jipprovdu li modifiki li jrendu konċessjoni materjalment differenti minn dik inizjalment konkluża jitqiesu bħala modifiki sostanzjali (inkluż b'mod partikolari modifiki li jestendu l-ambitu tal-konċessjoni u / jew ibiddlu il-bilanċ ekonomiku tal-konċessjoni favur il-konċessjonarju b'tali mod li ma kienx previst fil-konċessjoni inizjali), liema modifiki jinneċessitaw sejħa ġdida.

Il-modifiki fl-Addendum, li *inter alia* jestendu kemm id-durata kif ukoll l-iskop tal-konċessjoni oriġinali, huma materjali u sostanzjali, anzi huma kbar ħafna. Modifiki ta' din in-natura ma kienux permessi mil-liġi.

L-intimati ma setgħux jagħmlu dawn il-modifiki mingħajr ma jimplimentaw proċedura ġdida għall-għoti ta' konċessjoni.

L-Addendum għalhekk jirriżulta fi ksur tal-obbligi naxxenti mir-regoli tal-EU dwar l-akkwist pubbliku, liema obbligi ġew imfassla sabiex jiżguraw illi l-operaturi kollha jgawdu minn opportunità ugwali li jippartecipaw f'sejħa pubblika u li jkollhom ukoll l-opportunità li jirbħu l-kuntratt relattiv għas-sejħa.

L-Addendum ingħata mingħajr bażi legali, mingħajr ebda sejħa pubblika, u bil-moħbi, u għalhekk illegalment.

356 ppreżentat protest fl-10 ta' Ottubru 2019 (kopja ta' liema huwa anness hawnhekk bħala "**356 Dok. 2**") iżda l-intimati baqgħu inadempjenti (sal-lum 356 għadha ma rċeviet l-ebda risposta) u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, aġixxew b'mod *ultra vires* u, jew b'mod li jmur kontra l-liġi fir-rigward tal-Kuntratt u/jew tal-Addendum; u/jew

2. Tiddikjara li l-Kuntratt u/jew l-Addendum huwa null, invalidu u mingħajr ebda effett u għaldaqstant li ma jorbotx.

Bl-ispejjez u bl-imgħax legali; u b'riserva ta' kull dritt u rimedju ieħor li jispetta lil 356.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa ta' Faces Consultants Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament ir-rikors guramentat huwa irritu u null in kwantu huwa nebluz u ma fihx tifsira cara u sewwa tal-bazi tal-azzjoni. Minn qari tar-rikors guramentat lanqas huwa car jekk l-azzjoni attrici hijiex bazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew fuq xi disposizzjoni ohra tal-Ligi.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess azzjoni hija improponibbli in kwantu l-kuntratti li taghhom qed tintalab in-nullità ma jikkwalifikawx bhala "ghemil amministrattiv" ghall-finijiet tal-precitat Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess azzjoni hija improponibbi in kwantu eskluza mis-sub-inciz numru (4) tal-Artikolu 469A.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess azzjoni hija perenta bid-diskors ta' sitt xhur ai termini tas-sub-inciz numru (3) tal-Artikolu 469A.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir abbazi ta' Direttiva tal-Unjoni Ewropea li ghaliha ssir referenza fil-paragrafu numru 10 tar-Rikors Guramentat, l-azzjoni attrici hija manifestament improponibbli billi l-ebda Direttiva tal-Unjoni Ewropea ma taghti rimedju mitlub mis-socjetà attrici oltre li l-ebda tali Direttiva m'ghandha effett retroattiv.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir abbazi tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10) din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti *rationae materiae* milli tiehu konjizzjoni ta' kwalsiasi kwistjoni marbuta mal-istess Regolamenti u dan kif provdut specifikament mir-Regolarment 52 tal-S.L. 174.10.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici qed issir abbazi tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10) ma jissussistix l-elementi sabiex tigi dikjarat n-nullità taz-zewg kuntratti minnha attakkati.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà attrici m'ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tipproponi l-azzjoni minnha intentata.

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess ma sar l-ebda agir *ultra vires* jew li altrimenti jikser il-ligi hekk kif qed tallega s-socjetà attrici.

It-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu taghha.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et, li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament u minghajr pregudizzju, s-socjetà attrici intavolat proceduri ai termini tal-artikolu 113 tar-Regolamenti Dwar Kuntratti ta' Koncessjoni quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici (*Il-Bord*), ghal liema kawza l-esponenti pprezentaw ir-risposta taghhom.

Il-proceduri quddiem il-Bord ghadhom pendenti u b'hekk ghad m'hemmx decizjoni dwar dak mitlub mis-socjetà attrici.

Peress li l-proceduri quddiem il-Bord ghadhom pendenti, it-talbiet kif dedotti fir-rikors numru 1018/2019 ipprezentat da parti tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda u r-rikors skartat stante illi din il-kawza hija wahda intempestiva u s-socjetà attrici ma uzatx ir-rimedji ordinarji skont il-Ligi.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, is-socjetà attrici ghandha tindika a bazi ta' liema Ligi, qed tintavola l-azzjoni taghha.

F'kaz illi din il-kawza hija wahda bbazata ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1], il-ligi tghid li;

> *"kawza ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv."*

---

[1] Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

B'ammissjoni tas-socjetà attrici stess, ir-rikorrenti saret taf b'dan l-att amministrattiv u cioè l-addendum datat il-11 ta' Gunju 2018 permezz tal-proceduri intavolati fit-23 ta' April 2019.

Nonostante li l-addendum gieypprezentat f'dawk il-proceduri b'partijiet kummercjali mghottija bl-iswed, xorta jibda l-fatt li s-socjetà attrici setghet saret taf bid-dettalji kollha la darba saret taf li l-addendum jezisti.

Ghalhekk, peress li ghaddew is-sitt xhur minn meta saret taf bl-ezistenza tal-addendum sad-data li gie intavolat ir-rikors da parti tas-socjetà attrici, din il-kawza infethet *fuori termine* u b'hekk ir-rikors ghandu jigi michud *in toto*.

Minghajr pregudizzju ghal dak espost, oltre l-eccezzjoni preliminari hawn fuq indikat, l-esponenti jtennu li l-ftehim originali tat-2 ta' Marzu 2001 ma jaqax taht ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10).

Ir-Regolamenti in kwistjoni jiddefinixxu koncessjoni bhala;

> *"koncessjoni ta' xoghlijiet" tfisser kuntratt bi hlas miftiehem bil-miktub li permezz tieghu entità kontraenti jew awtorità kontraenti wahda jew aktar jafdaw l-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet lil operatur ekonomiku wiehed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni ghal din id-delega tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tax-xoghlijiet li huma s-suggett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' hlas;*
>
> *"koncessjoni ta' servizzi" tfisser kuntratt b'interess pekunjarju konkluz bil-miktub, li permezz tieghu awtorità kontraenti jew entità kontraenti wahda jew aktar tafda l-forniment u l-gestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta'xoghlijiet kif imsemmi fil-paragrafu (a) lil operatur ekonomiku wiehed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni ghaldin tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suggett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' hlas."*

Issir riferenza partikolari ghal *"sfruttament tax-xoghlijiet li huma s-suggett tal-kuntratt"*, li naturalment ifisser illi l-isfruttament ghandu jsir fuq ix-xogholijiet indikati fil-kuntratt originali.

Issir riferenza ghad-definizzjoni tal-kelma xogholijiet fid-Direttiva 2014/23/EU[2] li tghid is-segwenti;

> **"A work means the outcome of building or civil engineering works taken as a whole which is sufficient in itself to fulfil an economic or technical function"** - *"xoghol" tfisser l-ezitu tax-xoghlijiet tal-kostruzzjoni u inginerija civili mehuda bhala haga wahda li fiha nnifisha hija sufficjenti biex taqdi funzjoni ekonomika jew teknika.*

Issir riferenza ghall-artikolu 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10) li jispjega ezekuzzjoni ta' xogholijiet bhala;

> *"ezekuzzjoni ta' xoghlijiet" tfisser l-ezekuzzjoni, jew kemm it-tfassil kif ukoll l-ezekuzzjoni, ta' xoghlijiet relatati ma' wahda mill-attivitajiet imsemmija fl-**Iskeda 2** jew ta' bicca xoghol, jew ir-realizzazzjoni, b'liema mezz li jkun, ta' bicca xoghol li tikkorrispondi ghar-rekwiziti specifikati mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti li tezercita influwenza deciziva fuq it-tip jew it-tfassil tal-bicca xoghol"*

Ghalhekk ssir riferenza ghall-iskeda 2 fuq pagna 56 tar-Regolamenti in kwistjoni – Klassi 45.21 - Kostruzzjoni generali tal-bini u xoghlijiet tal-inginerija civili:

> **Din il-klassi teskludi**:-
>
> i. [...]
>
> **ii. Twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati sħaħ minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit,**

---

[2] Artikolu 5 (8) Direttiva 2014/23/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ghoti ta' kuntratti ta' Koncessjoni b'rilevanza ghall-EEA

[…]"

Konsegwentement, peress illi dawn il-Bus Shelters ma jistghux jitqiesu bhala bini jew xogholijiet tal-inginerija civili, izda bhala kostruzzjonijiet prefabbrikati sħaħ minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit, liema Bus Shelters jiffurmaw is-suggett tal-ftehim originali datat it-2 ta' Marzu 2001 u sussegwentement tal-Addendum datat il-11 ta' Gunju 2018, il-ftehimiet in kwisjtoni ma jistghux jigu interpretati bhala Kuntratti ta' Koncessjoni ai termini tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10) u b'hekk it-talbiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

Il-kuntratt originali datat it-2 ta' Marzu 2001 kif ukoll l-Addendum datat il-11 ta' Gunju 2018 ma jaqghux taht l-ambitu tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni u dan stante illi;

i. Il-kuntratt originali huwa datat it-2 ta' Marzu 2001, u cioè, gie konkluz qabel li Malta saret parti mill-Unjoni Ewropea.

   Illi la darba Malta saret parti mill-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li tirregola b'mod espress l-ghoti ta' koncessjonijiet giet trasposta fil-Ligi ta' Malta permezz tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10).

   Illi l-artikolu erbgha (4) tal-Ligi sucitata tghid is-segwenti;

   *"Kull procedura ta' koncessjoni li tkun inharget sal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ghandha tibqa' regolata bil-ligijiet li kienu fis-sehh, inkluz kull revizjoni fuq xi decizjoni dwar dan."*

   Illi stante li l-ftehim originali gie konkluz qabel ma ma dahlu fis-sehh dawn ir-Regolamenti, dan il-ftehim datat

it-2 ta’ Marzu 2001 huwa ezentat mill-effetti ta’ dawn ir-Regolamenti.

ii. Illi l-Addendum datat il-11 ta’ Gunju 2018 ukoll ghandu jigi ezentat minn dawn ir-Regolamenti u dan stante illi dan jifforma parti mill-ftehim originali datat it-2 ta’ Marzu 2001 peress illi huwa soggett ai termini u kundizzjonijiet tal-ftehim originali.

Illi a kuntrarju ghal dak dedott fir-rikors mahluf tas-socjetà attrici, l-Addendum ma ghandux jigi interpretat bhala ftehim gdid li jikkrea koncessjoni gdida.

Illi l-kelma Addendum skont id-dizzjunarju ta’ Cambridge jiddefinixxi l-kelma Addendum bhala s-segwenti;

*“Something that has been added to a book, speech or document,” – xi haga mizjuda ma ktieb, diskors jew dokument.*

Illi huwa argument insostenibbli li addendum ghandu jigi interpretat bhala dokument gdid u separat mill-ftehim originali ghaliex addendum inniffsu ghandu jifforma parti u jaqa taht it-termini u kundizzjonijiet indikati fid-dokument originali.

Illi oltre dan, ghandu jigi osservat li l-Addendum in kwistjoni gie maghmul sabiex jikkjarifika u jistipola data ta’ terminazzjoni tal-ftehim originali tat-2 ta’ Marzu 2001.

Illi li kieku ma ezistiex l-Addendum tal-11 ta’ Gunju 2018, is-socjeta’ attrici kienet ser tkun pregudikata stante li l-ftehim originali setgha jibqa fis-sehh ghal ghexieren ta’ snin.

Oltre l-kjarifika tad-data ta’ terminazzjoni, l-addendum ipprovda ghal numru minimu ta’ 50 bus shelters, filwaqt li l-ftehim originali tat-2 ta’ Marzu 2001 ipprovda minimu ta’ 250 bus shelters.

Tali rekwizit ta' minimu ta' 50 bus shelters huwa sempliciment mekkanizmu sabiex l-addendum jidhol fis-sehh u ghalhekk tali emendi li saru permezz tal-Addendum in kwistjoni ma jistghux jigu interpretati bhala modifiki sostanzjali ai termini tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni.

Ghalhekk jibqa' l-fatt li l-addendum datat il-11 ta' Gunju 2018 jifforma parti integrali tal-ftehim originali datat it-2 ta' Marzu 2001 u b'hekk ghandhom jigu interpretati flimkien bhala ftehim wiehed, liema ftehimiet ghakhekk huma ezenti mir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Koncessjoni (S.L. 174.10).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri illi jistghu jitressqu skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra rikorrenti li minn issa qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament is-socjetà attrici ma ghandha l-ebda interess guridiku li tattakka dak pattwit kuntrattwalment mill-esponenti u dan peress li tali ftehim ma huwa jippregudikaha bl-ebda mod.

Preliminarjament ukoll is-socjetà attrici trid tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi sejset il-kawza odjerna stante li minn qari tar-rikors promotur tali mhux car.

F'kaz li l-kawza odjerna giet imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti tecepixxi l-preskrizzjoni stante li l-istess kawza kellha tigi intavolata fi zmien sitt xhur liema perjodu huwa wiehed ta' dekadenza.

Ulterjorment l-ghoti ta' kuntratt bhal dak odjern ma jaqax taht id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv u b'hekk mhux sindikabbli taht l-Artikolu 469A.

F'kaz li tali kawza ma gietx imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti ggib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti l-fatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rekwiziti huma ta' natura pubblika,

ma gewx osservati mis-socjetà attrici. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' April 2003 fl-ismijiet Salvatore Ellis et noe vs il-Kontrollur tad-Dwana gie ritenut li nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhux talli jgibu n-nullità tal-azzjoni izda sahansitra suppost wassal sabiex ir-Registratur tal-Qorti lanqas biss jircievi u jaccetta r-rikors promotur.

Fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ghoti tal-kuntratt *de quo* huwa *intra vires* ghall-kuntrarju ta' dak li qed tghid is-socjetà attrici u dan peress li l-poteri tal-Kunsilli hekk kif stabbiliti taht il-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta u taht ir-Regolamenti ta' Kuntratti ta' Koncessjoni.

Sav eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Kunsill Lokali Pembroke li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tas-socjetà rikorrenti 356 Holdings Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghhom u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjetà rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet.

*In limine litis* jigi eccepit li r-rikors guramentat ma jindikax abbazi ta' liema ligi u/jew artikoli qeghda tigi msejsa l-pretensjoni u ghalhekk is-socjetà rikorrenti ghandha minnufih tindika l-bazi legali ta' din l-azzjoni kemm sabiex id-difiza titpogga fi grad li fih tkun taf sewwa ghalxiex ghandha tirrispondi u kif ukoll sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni taghmel l-evalwazzjoni tat-talbiet.

Relatat mal-ewwel eccezzjoni izda minghajr pregudizzju ghall-istess, jekk l-azzjoni rikorrenti hija msejsa fuq il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-artikolu 469A, l-azzjoni hija improponibbli peress li l-kuntratt li qed jigi mitlub

l-istharrig tieghu ma jikkonsistix f'ghemil amministrattiv ai fini tal-istess artikolu.

Relatata mal-ewwel eccezzjoni izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni jekk din il-kawza giet imsejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12, hija improponibbli in kwantu a tenur tal-artikolu 52 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 601.09 huwa l-Bord ta' Revizjoni dwar il-kuntratti pubblici li hija l-Awtorità kompetenti sabiex titratta ma' kwistjonijiet u tilwim li jaqghu taht l-istess regolamenti.

Relatata mal-ewwel eccezzjoni izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel, it-tieni, u t-tielet eccezzjoni, jekk din il-kawza giet imsejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-azzjoni hija perenta bit-trapass tat-terminu tas-sitt (6) xhur sabiex titressaq din l-azzjoni.

Minghajr pregudizzju ghal dak eccepit precedentement, jekk l-azzjoni proposta qed tigi msejsa fuq id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li ghaliha ssir riferenza fir-rikors guramentat, l-azzjoni hija perenta bit-trapass tat-terminu tas-sitt (6) xhur sabiex titressaq din l-azzjoni u dan a tenur tar-Regolament 118 sub-inciz (b) Legislazzjoni Sussidjarja 601.09.

Minghajr pregudizzju ghal dak eccepit precedentement, l-azzjoni tentata mis-sojcetà rikorrenti mhix proponibbli ai termini tar-Regolament dwar il-Kuntratti ta' Koncessjoni u dan peress illi skond ir-regolament tal-L.S. 601.09, kull procedura ta' koncessjoni li nharget qabel il-pubblikazzjoni tal-istess regolament ghandha tibqa' regolata bil-ligijiet li kienu fis-sehh u ghalhekk il-kuntratt mertu tal-kawza odjerna ma jistax jigi regolat bil-L.S. 601.09 stante l-fatt li dan dahal fis-sehh fis-sena 2011.

Minghajr pregudizzju ghal dak eccepit precedentement, il-kuntratt in vigore mertu tal-kawza odjerna huwa dak iffirmat u datat 2 ta' Marzu 2001 u l-addendum tal-11 ta' Gunju 2018 ma huwa xejn ghajr zieda mal-ftehim originali u bl-ebda mod ma jimmodika b'mod sostanzjali l-istess ftehim u/jew jikkostitwixxi ftehim gdid.

Minghajr pregudizzju ghal dak eccepit precedentement, l-azzjoni tentata mis-socjetà rikorrenti mhix proponibbli ai termini tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Koncessjoni u dan peress li l-istess Regolament (LS 601.09) jeskludi kuntratti ta' twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati shah minn partijiet awtomanufatturati mhux tal-konkrit, bhalma huma bus shelters, u ghalhekk il-kuntratt mertu tal-kawza odjerna ma jistax jigi interpretat bhala kuntratt ta' Koncessjoni.

Fi kwalunkwe kaz, imsejsa fuq liema ligi u jew artikoli hija imsejsa l-azzjoni, ma hemmx l-elementi sabiex tigi ddikjarata n-nullità tal-kuntratt u/jew addendum attakkat minnha.

It-talbiet rikorrenti huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi, tas-soċjetà konvenuta u tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal stħarriġ ta' għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetá attriċi qed tattakka d-deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni u Kunsilli konvenuti li jiffirmaw *addendum* mas-soċjetà konvenuta nhar il-11 ta' Ġunju 2018 in segwitu għall-ftehim oriġinali li kien ġie ffirmat mill-istess partijiet fit-2 ta' Marzu 2001. L-attriċi tgħid illi l-*addendum* jimmodifika b'mod sostanzjali l-ftehim oriġinali u li dan ma setax isir mingħajr ma tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida għaliex effettivament ġiet kreata konċessjoni ġdida. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li għalhekk il-konvenuti aġixxew bi ksur tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni - Leġislazzjoni Sussidjarja 601.09 (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'Ir-Regolamenti') li jimplimentaw id-Direttiva 2014/23/UE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

Konsegwentement, il-Qorti qed tintalab tiddikjara li l-kuntratt oriġinali u/jew l-*addendum* in kwistjoni huwa null, invalidu u mingħajr l-ebda effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2020 Dr. Marisa Vella għas-soċjetà attriċi ċċarat illi l-azzjoni attriċi hija impostata abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, Dr. Massimo Vella għas-soċjetà konvenuta rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Dr. Sarah Chircop Beck għall-Kunsill Lokali Ta' Xbiex irtirat it-tieni eċċezzjoni tagħha.

Fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2020 Dr. Massimo Vella għas-soċjetà konvenuta ddikjara li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-assistita tiegħu kienu dawk kontenuti f'paragrafi 2 sa 8 tar-risposta maħlufa.

Il-Kunsill Lokali Pembroke iddikjara permezz ta' nota li qed jirtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' Dr. Marisa Vella dwar in-natura tal-azzjoni.

Finalment, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et iddikjaraw permezz ta' nota li l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom huma dawk kontenuti fil-paragrafi 1, 2, 3, 5 u 6 tar-risposta maħlufa tagħhom.

Kif diġà nqal, is-sentenza tal-lum hija limitata għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti u ċioè li:

- L-azzjoni hija improponibbli in kwantu li l-kuntratti li tagħhom qed jintalab in-nullità ma jikkwalifikawx bħala 'egħmil amministrattiv' għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12;

- Is-soċjetà attriċi kellha rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħha u allura ma setgħetx tirrikorri għall-azzjoni tal-lum. Relatata ma' din l-eċċezzjoni ġiet eċċepita wkoll l-intempestiva tal-azzjoni u li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* milli tieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe

azzjoni relatata mar-Regolamenti u dan kif jipprovdi r-Regolament numru 52;

- L-azzjoni hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur ai termini tat-tielet sub-inċiż tal-artikolu 469A;

- L-azzjoni hija improponibbli għaliex Direttiva tal-Unjoni Ewropea ma tistax tagħti r-rimedju mitlub mis-soċjetà attriċi u fi kwalunkwe każ m'għandiex effett retroattiv;

- Is-soċjetà attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex tipproponi din il-kawża;

- Il-kuntratt oriġinali u l-addendum ma jaqgħux taħt ir-Regolamenti għaliex il-*bus shelters* li huma l-mertu tal-konċessjoni ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' 'konċessjoni ta' xogħlijiet' jew 'konċessjoni ta' servizzi'.

**<u>Egħmil Amministrattiv</u>**

Skont it-tieni sub-inċiż tal-artikolu 469A, egħmil amministrattiv tfisser '*il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.*'

L-eċċipjenti jargumentaw li din id-definizzjoni ma tinkludix fost l-atti amministrattivi l-iskritturi fejn l-awtorità pubblika tkun parti kontraenti fuq dik l-iskrittura.

Il-Qorti ma taqbilx. Dak li qed tilmenta minnu l-attriċi huwa proprju d-deċiżjoni tal-assoċjazzjoni u tal-kunsilli konvenuti li jiffirmaw l-*addendum* mas-soċjetà konvenuta. Il-liġi hija ċara meta tirreferi *inter alia* għal **<u>kull deċiżjoni</u>** dment li ma tkunx '*xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.*

Kwistjoni simili ġiet trattata u deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Dragonara Gaming Limited vs Il-Ministru tal-Finanzi et**, tat-12 ta' Ottubru 2016. Is-soċjetà attriċi f'dik il-kawża kienet qed

tilmenta minn deċiżjoni tal-Gvern li jiddikjara lill-offerent ieħor bħala *preferred proponent* u li ser jidħol f'negozjati mal-offerent sabiex tingħata lilu l-konċessjoni mertu ta' dawk il-proċeduri. Din il-Qorti diversament presjeduta kienet laqgħet l-argument tas-soċjetà attriċi f'dik il-kawża li t-talbiet attriċi jistgħu jinkwadraw ruħhom inter alia abbażi ta' allegat ksur ta' relazzjoni kuntrattwali jew pre kuntrattwali u għaldaqstant, ġie eskluż illi l-kawża saret taħt l-artikolu 469A.

Madanakollu, il-Qorti tal-Appell ma qablitx u fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2017 qalet hekk:

> *"...din il-Qorti tinnota li n-natura tal-azzjoni ma tiddependix fuq kif jogħġbu jsejħilha l-attur, iżda din għandha tiftiehem min-natura tal-ilment, min-natura tal-għemil li dwaru saret il-kawża, u kif ukoll in-natura tar-rimedju mitlub mill-istess attur. Fil-fehma tal-Qorti dak li sar mill-gvern intimat jaqa' li jitqies bħala għemil amministrattiv skont il-liġi, li fid-definizzjoni ta' din il-frażi tkopri kull deċiżoni li ssir minn awtorità pubblika."*

Din il-Qorti, bħall-Qorti tal-Appell fil-każ suċitat hija tal-fehma li:

> *"F'dan il-każ, is-soċjetà attriċi qed titlob reviżjoni ta' deċiżjoni li ttieħdet minn xi awtorità kostitwita mill-gvern, u għal tali ilment, il-liġi tipprovdi rimedju fl-imsemmi Artikolu 469A li m'għandux jiġi mwarrab."*

**<u>Rimedju Ieħor u Kompetenza *Ratione Materaie*</u>**

Ir-raba' sub-inċiż tal-artikolu 469A jiddisponi li:

> *"Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra."*

Jirriżulta li qabel intavolat din il-kawża, is-soċjetà attriċi bdiet proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, stabbilit permezz tar-Regolamenti. F'dawk il-proċeduri s-soċjetà attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta' ineffettività tal-istess żewġ

kuntratti mertu ta’ din il-kawża u ċioè l-kuntratt oriġinali u l-*addendum*.

Skont ir-Regolament numru 113:

> *"(1) Parti interessata jew offerent jista' jippreżenta rikors quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex jiddikjara l-ineffettività ta’ kuntratt ta’ konċessjoni b’valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3*."

Mhux kontestat illi l-valur tal-kuntratti mertu tal-każ fil-fatt jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda.

L-eċċepjenti jargumentaw li s-soċjetà attriċi rrikorriet għar-rimedju speċjali li jagħtiha l-liġi u ċioè r-Regolamenti u hija għalhekk prekluża milli tintavola din il-kawża bħala waħda għall-stħarriġ ta’ egħmil amministrattiv a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Is-soċjetà konvenuta tkompli billi tgħid li s-soċjetà attriċi qed tuża ż-żewġ proċeduri biex tipprova tikseb l-istess ħaġa.

Ir-Regolamenti 52 jiddisponi li:

> *"(1) Il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u t-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali kif stabbilit taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar Kuntratti Pubbliċi, għandhom jitqiesu awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw ma’ kwistjonijet u tilwim li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti*."

Madanakollu, l-attriċi tgħid illi hija fil-fatt bdiet dawn il-proċeduri f’każ illi jiġi dikjarat illi r-rikors tagħha quddiem il-Bord kien tardiv – eċċezzjoni li fil-fatt ressqu il-konvenuti f’dawk il-proċeduri.

Dan peress illi skont ir-Regolament numru 118:

> *"Rikorsi għall-ineffettività ta’ kuntratt għandhom jitqiesu ammissibbli jekk ikunu magħmula:*

*(a) qabel l-iskadenza mill-inqas tletin jum kalendarji b'effett mill-jum wara d-data li fiha:*

*(i) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti pubblikat avviż ta' għoti ta' kuntratt, sakemm dan l-avviż jinkludi ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti li tagħti l-kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jew*

*(ii) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti infurmat lill-offerenti u lill-kandidati konċernati dwar il-konklużjoni tal-kuntratt; u*

*(b) u f'kull każ ieħor qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' mill-inqas sitt xhur b'effett mill-jum wara d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt."*

Li kieku wieħed kellu japplika dan ir-Regolament kelma b'kelma kien ifisser li l-attriċi kellha tippreżenta t-talba tagħha quddiem il-Bord fi żmien sitt xhur minn meta ġie ffirmat il-kuntratt stante li ma kien hemm l-ebda publikazzjoni ta' avviż ta' għoti ta' kuntratt. Madanakollu, l-attriċi tinsisti li peress li ma seħħet l-ebda pubblikazzjoni u ma ngħatat l-ebda informazzjoni, hija saret taf illi ġie ffirmat l-*addendum* biss wara li skadew is-sitt xhur minn meta l-istess *addendum* ġie ffirmat.

Isegwi għalhekk illi kieku l-Qorti kellha tinterpreta r-Regolament bil-mod li qed jippretendu l-konvenuti quddiem il-Bord, l-attriċi kellha sitt xhur ċans biex tippreżenta rikors dwar *addendum* li lanqas biss kienet taf li jeżisti.

Din l-interpretazzjoni ma tagħmilx sens u żgur illi ma tistax titqies illi tagħmel ġustizzja mas-soċjetà attriċi jew oħrajn li jsibu ruħhom fil-posizzjoni tagħha.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Supreme Travel Limited vs Awtorità għat-Trasport f'Malta et, tal-31 ta' Awwissu 2021, qalet proprju hekk dwar dan it-terminu:

*"Trattat l-appell, din il-Qorti tara li, fl-interess tas-serjetà u l-gustizzja, irid jingħad li s-soċjetà appellanti għandha ragun. Hu veru li l-ligi timponi terminu ta' sitt xhur għal kontestazzjoni li jibda jgħaddi mid-data tal-kuntratt, però, jekk l-operaturi ekonomiċi interessati ma jkunux jafu b'din id-data li ma tkunx giet reża pubblika, hu diffiċli li jingħad li t-terminu jgħaddi mid-data tal-kuntratt li jkun inżamm mistur!*

*...*

*... hija l-fehma tal-Qorti li, f'kull każ, it-terminu jrid jingħad li jibda minn meta min hu interessat seta' jsir jaf bid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Hu prinċipju generali ta' dritt amministrattiv li meta l-ligi tipprovdi rimedju, dak ir-rimedju jrid ikun reali u effettiv, u jinqara b'mod li jista' jintuża. Id-direttiva titlob u timplika l-ghoti ta' avviz pubbliku tal-ghoti tal-kuntratt u tar-ragunijiet ghaliex l-awtorità kontraenti jkun dehrilha li kellha taghti l-kuntratt bla hrug minn qabel tal-avviz tal-kuntratt.*

*...*

*L-Awtorità għat-Trasport twiegeb li l-ligi hi ċara u meta timponi terminu ta' sitt xhur b'effett mill-jum wara d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, idejn il-Qorti huma marbuta. Din il-Qorti ma taċċettax dan l-argument. Il-Qorti, kif digà ingħad qabel, trid tiddeċiedi skont il-gustizzja, u t-terminu għandu jitqies li jibda jgħaddi minn meta min ikun interessat seta' jkun jaf bih. Darba li f'dan il-każ ma jirriżultax li saret pubblikazzjoni tal-avviż tal-kuntratt fil-gurnal uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea, it-terminu għandu jitqies li beda jgħaddi mit-3 ta' Diċembru, 2020, (data li fiha l-ghoti tal-kuntratt sar pubbliku) u l-oggezzjoni li ressqet is-soċjetà rikorrenti fis-16 ta' Frar, 2021, għandu jitqies validu."*

Għalkemm jidher illi għalhekk il-kwistjoni hija llum sorvolata bid-deċiżjoni ċara tal-Qorti tal-Appell, il-Bord laħaq iddeċieda li jissospendi l-proċeduri sakemm tingħata deċiżjoni fil-kawża tal-lum. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi mhuwiex fl-aħjar interess tal-ġustizzja li f'dan l-istadju tiddikjara li l-attriċi għad għandha

rimedju ieħor u/jew li din il-Qorti hija inkompetenti *rationae materiae* u terġa tibgħatha quddiem il-Bord.

**<u>L-azzjoni hija perenta</u>**

A tenur tat-tielet sub inċiż tal-artikolu 469A:

> *"Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."*

Din il-kawża giet intavolata fil-25 ta' Ottubru 2019. Kif diġà ntqal, l-*addendum* ġie ffirmat fil-11 ta' Ġunju 2018 filwaqt illi l-kuntratt oriġinali kien sar fit-2 ta' Marzu 2001.

Fit-23 ta' April 2019, is-soċjetà konvenuta intavolat l-ewwel mandat t'inibizzjoni kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u fis-26 ta' April ġie ppreżentat kopja tal-*addendum* bil-klawsoli kummerċjali redatti. Is-soċjetà attriċi ma kienitx parti f'dawk il-proċeduri għalkemm mhux kontestat illi kienet taf bihom. Madanakollu, il-konvenuti ma ġabu l-ebda prova li s-soċjetà attriċi kienet taf, jew setgħet kienet taf bl-*addendum* qabel is-26 ta' April 2019. Din hija prova li kienet tispetta lilhom u mhux lis-soċjetà attriċi. Fuq kollox, kif sewwa tosserva l-attriċi, l-ewwel darba li ġie ppreżentat l-*addendum*, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tikxifx il-partijiet kummerċjali rilevanti tal-ftehim milħuq u allura fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma li xorta waħda d-dritt tal-attriċi li tattakka l-*addendum* ma setax jiskatta minn dakinhar. Madanakollu, li jiswa hu li din il-kawża saret **<u>sitt xhur nieqes ġurnata</u>** minn dakinhar illi l-*addendum* ġie ppreżentat il-Qorti fl-atti tal-imsemmi mandat.

Stabbilit dan kollu, għandu jingħad ukoll illi l-attriċi mhijiex u ma tistax tattakka l-kuntratt oriġinali. Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet tagħha hija tikjarifika li qed tattakka l-ewwel kuntratt biss kif u sa fejn kien emendat permezz tal-*addendum*.

**Interess Ġuridiku**

Mhux kontestat illi s-soċjetà attriċi ngħatat kuntratt mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta in segwitu għas-sejħa *Request for Proposals for the Design, Supply, Installations and Maintenance of Advertising Bus Shelters in Malta and Gozo and Maintenance of Existing Advertising Shelter Canopies*.

Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex iżżomm lill-Awtorità milli '*tinstalla jew tkompli tinstalla jew altrimenti topera kwalsijasi bus shelter jew installazzjoni simili jew relatata, inklużi canopies, monitors għar-riklamar u/jew vending machines fil-lokalità ta' Pembroke*'. Dan abbażi tal-kuntratt oriġinali u *addendum* li ffirmaw il-konvenuti, mertu ta' dawn il-proċeduri. Skont ir-rikors tas-soċjetà konvenuta u tal-Kunsill Lokali Pembroke stess, is-soċjetà konvenuta kienet ġiet inkarigata sabiex tinstalla minimu ta' 250 *bus shelter* fil-lokalitajiet amministrati minn dawk il-kunsilli lokali li kienu ser jirratifikaw il-ftehim. Ir-rikors ikompli hekk:

> "*Illi l-preġudizzju li ser issofri s-soċjetà kummerċjali jikkonsisti fil-fatt illi l-bus shelters installati minnha mingħajr ebda ħlas għall-Kunsilli Lokali. Is-soċjetà rikorenti tħallas l-ispejjeż kollha ta' installazzjoni, tindif, manutenzjoni, assigurazzjoni, konsum ta' elettriku u kull spiża oħra relatata mal-operazzjoni tal-bus shelters. L-introjtu, li huwa essenzjali sabiex tali operazzjoni tkun vijabbli, jidderiva biss mir-reklamar li jsir mill-istess bus shelters.*"

Il-Qorti hija tal-fehma li l-interess ġuridiku tal-attriċi sabiex tipproponi din il-kawża huwa ċar. Hija ngħatat konċessjoni wara sejħa pubblika għall-offerti imma qed tiġi effettivament miżmuma milli tesegwixxi x-xogħlijiet mis-soċjetà konvenuta li tippretendi li d-dritt huwa mogħti lilha.

Rilevanti huwa dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Dragonara Gaming Limited vs Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Responsabbli għall-Finanzi, tal-5 ta' Diċembru 2019:

*"Illi l-kliem tal-artikolu suċċitat huwa ċar u jgħid illi jista' jipproċedi b'azzjoni bħal dik odjerna kull min ikollu interess. Dan il-kliem huwa ċar. Ma jagħmel l-ebda restrizzjoni għal xi kategorija ta' persuni li jistgħu jitolbu l-istħarriġ mill-organi ġudizzjarji ta' egħmil amministrattiv. Hija regola elementari li fejn it-test leġislattiv huwa ċar, m'hemm lok għal ebda interpretazzjoni. Daqstant ieħor huwa paċifikament stabbilit li fejn il-leġislatur jistabbilixxi regola ġenerali, l-interpretu m'għandux jivvinta restrizzjonijiet għaliex jekk jagħmel hekk ma jkunx qiegħed jiċċara r-rieda tal-leġislatur imma jkun qiegħed joħnoqha u jbiddilha. Il-funzjoni tal-organi ġudizzjarji mhix dik li jagħtu l-interpretazzjoni soġġettiva tagħhom, jew il-veduti tagħhom dwar x'għandha tkun il-liġi imma li jistabbilixxu x'inhi n-norma rilevanti kif voluta minn organu ieħor separat – dak leġislattiv – u japplikawha għall-fattispeċje tal-każ partikolari li jkollhom quddiemhom. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta l-propożizzjoni li kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv tista' tiġi miftuħa biss minn dik il-persuna li fil-konfront tagħha l-awtorità pubblika tat deċiżjoni;*

*Illi għalhekk dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk l-attriċi għandhiex interess fid-deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-konċessjoni de quo irrispettivament mill-fatt li din saret fil-konfront ta' ħaddieħor u mhux fil-konfront tagħha u irrispettivament minn jekk kienitx parteċipi fil-proċess amministrattiv li wassal għal dik id-deċiżjoni;*

*It-terminu interess ifisser, fil-kamp legali, dak li jintitola persuna li tipproteġi xi ġid li jkollha*

*...*

*Illi mingħajr dubbju, l-attriċi ġiet milquta finanzjarjament kemm-il darba jirriżulta li t-tiġdid tal-konċessjoni ma sarx skont il-liġi u li b'konsegwenza ta' hekk l-attriċi tneħħitilha inġustament l-opportunità li tikkonkorri hija wkoll. Il-Qorti tagħmilha ċara li mhijiex qiegħda tgħaddi xi għamla ta' ġudizzju dwar il-mertu nnifsu. Il-punt ewlieni f'dan l-istadju huwa li min fetaħ din il-kawża jidher li kellu interess*

*biżżejjed biex jagħmel dan u l-Qorti ma tħossx li għandha ċċaħħad lill-parti attriċi milli tinqeda bih biex tfittex ir-rimedju mitlub. Il-fatt li wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża biex jipproteġi ħaġa li jippretendi li hija tiegħu ma jfissirx li fil-fatt għandu dritt għaliha;*

*Il-kawża tal-lum mhijiex waħda ta' sura merament dikjaratorja, iżda, jekk kemm-il darba kellha tintlaqa', waħda integrativa, għaliex maħsuba biex tħassar l-egħmil amministativ u terġa' tqiegħed kollox għal li kien qabel ittieħdet id-deċiżjoni amministrativa attakkata. L-interess tal-attriċi huwa wieħed attwali, għaliex bid-deċiżjoni meħuda ntlaqtu l-interessi diretti tagħha. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-attriċi għandha interess ġuridiku tutelabbli biex tmexxi din il-kawża."*

**<u>L-Oġġett tal-Kuntratt ma Jaqax fl-Ambitu tar-Regolamenti</u>**

Skont it-tieni Regolament:

*"Konċessjonijiet" tfisser konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi, kif definit fil-paragrafi (a) u (b) ta' hawn taħt:*

*(a) "konċessjoni ta' xogħlijiet" tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub li permezz tiegħu entità kontraenti jew awtorità kontraenti waħda jew aktar jafdaw l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din id-delega tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tax-xogħlijiet li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas;*

*(b) "konċessjoni ta' servizzi' tfisser kuntratt b'interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-paragrafu (a) lil operator ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.*

...

*"eżekuzzjoni ta' xogħlijiet" tfisser l-eżekuzzjoni, jew kemm it-tfassil kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 2 jew ta' biċċa xogħol, jew ir-realizzazzjoni, b'liema mezz li jkun, ta' biċċa xogħol li tikkorrispondi għar-rekwiżiti speċifikati mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti li teżerċita influwenza deċiżiva fuq it-tip jew it-tfassil tal-biċċa xogħol."*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et u l-Kunsill Lokali Pembroke jargumentaw li l-*bus shelters* in kwistjoni ma jistgħux jiġu klassifikati bħala eżekuzzjoni ta' xogħlijiet skont ir-Regolamenti stante li l-iskeda li tagħmel riferenza għaliha d-definizzjoni suċitata teskludi '*twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati sħaħ minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit*' u allura huma esklużi mill-ambitu tar-Regolamenti.

L-eċċipjenti m'għandhomx raġun fl-eċċezzjoni tagħhom. Skont ir-Regolamenti '*konċessjoni ta' servizzi*' tfisser '*forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li m'humiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-paragrafu (a)*'. Huwa ċar fil-fehma tal-Qorti illi l-konċessjoni in kwistjoni taqa' fil-kategorija ta' '*konċessjoni ta' servizzi*' in kwantu li l-oġġett tal-kuntratt oriġinali u tal-*addendum* huwa disinn, installazzjoni, tindif, manutenzjoni, reparazzjoni u rimpjazz ta' *bus shelters* u mhux sempliċiment it-twaqqif tagħhom.

## Azzjoni Abbażi ta' Direttiva tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' din l-eċċezzjoni, is-soċjetà konvenuta qed tgħid illi s-soċjetà attriċi ma tistax tinvoka direttament il-provvedimenti tad-Direttiva 2014/23/UE in kwantu li mhijiex direttament enforzabbli.

Dwar din l-eċċezzjoni, is-soċjetà attriċi ma ressqitx sottomissjonijiet. Il-Qorti tqis illi sa fejn il-konvenuta qed teċċepixxi li l-attriċi ma tistax tinvoka direttiva tal-Unjoni Ewropea għaliex m'hijiex direttament enforzabbli, din l-eċċezzjoni għandha mis-sewwa la darba mhux kontestat illi d-

direttiva in kwistjoni ġiet implimentata permezz tar-Regolamenti. Kif osservat proprju din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Vodafone Malta Limited et vs L-Avukat Ġenerali et, tas-27 ta' Novembru 2008:

> *"F'dan is-sens, il-gurisprudenza Ewropeja pronuncjat ruhha diversi drabi (Ara kaz "Van Duyn" li saret referenza ghalih iktar 'il fuq u l-kaz "Ratti" – Kaz 148/78, [1979] ECR 1629) fejn inghad illi fil-kaz ta' Direttivi, sabiex jigi determinat l-effett dirett o meno taghhom, wiehed ghandu jhares lejn id-data entru liema d-Direttiva kellha tigi implimentata fl-Istati Membri. Jidher car illi wara d-data illi fiha Direttiva ghandha tigi implimentata mill-Istat Membru, anke jekk din ma tkunx giet implimentata, jibda jkollha effett dirett u ghalhekk tista' tigi invokata mill-individwi quddiem il-Qrati nazzjonali. Fil-kaz in ezami, id-Direttiva 2002/20/EC fil-fatt giet trasposta fil-ligi Maltija kif inghad iktar 'il fuq u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar l-effett dirett o meno ta' din id-Direttiva. Jinghad illi anke, jekk kellu jkun hemm nuqqas ta' effett dirett tad-Direttiva in kwistjoni, din il-Qorti, hija taht obbligu skond il-Kostituzzjoni illi taghmel kwalunkwe interpretazzjoni fid-dawl tal-ligi Komunitarja u ghalhekk in ogni kaz, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tad-Direttiva u dan in linea mal-principju ta' l-effett indirett (doctrine of indirect effect) ukoll zviluppata mill-Qrati Ewropej (Ara "Von Colson and Kamann v. Land NordrheinWestfalen" – Kaz. 14/83, [1984] ECR 1891))."*

Dwar it-tieni parti ta' din l-eċċezzjonu u ċioè li d-direttiva m'għandhiex effett retroattiv, il-Qorti ttenni li fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà attriċi ċċarat li hija qed tattakka l-ftehim oriġinali ffirmat fl-2001 biss sa fejn ġie modifikat permezz ta' *addendum* li sar fl-2018 li huwa l-mertu proprju ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Eċċezzjonijiet Oħra</u>**

Il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta indikat illi fil-fatt is-seba' eċċezzjoni tagħha mhijiex eċċezzjoni ta' natura preliminari.

Permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħhom, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et jeċċepixxu li la l-kuntratt oriġinali u lanqas l-*addendum* ma jaqgħu fl-ambitu tar-Regolamenti.

Permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali Pembroke jeċċepixxi li l-azzjoni mhijiex proponibbli fid-dawl ta' dak li jipprovdi ir-raba' Regolament. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-Kunsill Lokali Pembroke ma ċċarrax liema huma l-eċċezzjonijiet meqjusa preliminari minnu u lanqas għamel sottomissjonijiet finali dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Essenzjalment, permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet tagħhom l-eċċepjenti qed jgħidu l-istess ħaġa u ċioè li l-*addendum* huwa parti mill-kuntratt oriġinali u mhux konċessjoni ġdida kif qed tgħid l-attriċi kif ukoll li allura hija applikabbli l-liġi kif kienet dakinhar illi ngħatat il-konċessjoni fl-2001 u mhux ir-Regolamenti li daħlu fis-seħħ ħafna wara.

Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti dawn l-eċċezzjonijiet jirrigwardaw il-mertu proprju tal-każ u mhumiex ta' natura preliminari għaliex biex jiġu deċiżi, il-Qorti trid ta' bilfors tindaga l-mertu ta' dak li qed tallega l-attriċi u ċioè jekk permezz tal-*addendum* seħħitx modifika sostanzjali tal-konċessjoni fit-termini tar-Regolament 85(5) u allura jekk dak l-*addendum* sarx skont il-liġi jew jekk jammontax għall-konċessjoni ġdida li kienet tinneċessita sejħa għall-offerti. L-istess għandu jingħad dwar is-sitt eċċezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et.

Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet f'dan l-istadju b'dan illi tirriserva li tipprovdi dwarhom meta tingħata d-deċiżjoni dwar il-mertu.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, it-tieni u l-ħames eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, it-tieni eċċezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et u l-ewwel u l-ħames eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke in kwantu li jew ġew irtirati jew huma sorvolati wara li l-attriċi ċċarat illi l-azzjoni saret abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, u tiċħad:

i. It-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-ħames, is-sitt u t-tmien eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta Faces Consultants Limited;

ii. L-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et;

iii. L-ewwel, it-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Ta’ Xbiex u

iv. It-tieni, it-tielet, ir-raba’ u t-tmien eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke,

sa fejn huma kompatibbli ma’ dak deċiż u tirriserva li tipprovdi dwar l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti fid-deċiżjoni dwar il-mertu.

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG